Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15402/26

EDUC 438
DIGIT 290
JEUN 242
SOC 715
EMPL 416
TELECOM 530

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħiliet u l-kompetenzi għall-interazzjoni mal-intelliġenza artifiċjali (IA)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Novembru 2026.

ANNESS

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħiliet u l-kompetenzi għall-interazzjoni mal-intelliġenza artifiċjali (IA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

IFAKKAR fl-isfond politiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-kisba sħiħa tagħha, kif ukoll fit-testi adottati fl-Unjoni dwar l-edukazzjoni diġitali, il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, u l-intelliġenza artifiċjali.

JIRRIKONOXXI li

1. l-iżviluppi rapidi u li qed jevolvu fl-IA u fit-teknoloġiji tal-IA qed ikollhom impatt fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u qed isiru parti minnha;

2. l-IA u t-teknoloġiji tal-IA għandhom il-potenzjal li jġibu magħhom ħafna benefiċċji u li jittrasformaw il-modi li bihom jiġi aċċessat u rrappreżentat l-għarfien, u kif nitgħallmu u ngħallmu fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ;

3. hemm pressjoni akbar biex jiġu indirizzati l-kapaċitajiet diġitali u tal-IA li qed javvanzaw b'ħeffa billi jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkunu mgħammra bil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jifhmu, jużaw u jinteraġixxu b'mod kritiku u responsabbli mal-IA u t-teknoloġiji tal-IA, kif xieraq skont l-età;

4. l-IA u t-teknoloġiji tal-IA qed joħolqu wkoll ħafna sfidi għall-edukazzjoni u t-taħriġ; fost dawk ewlenin hemm il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-eżiti tat-tagħlim jibqgħu sinifikattivi, li titħares l-integrità akkademika, li jiġu salvagwardati l-proċessi konjittivi essenzjali tal-bniedem u li jsiru sforzi biex tissaħħaħ is-sovranità diġitali;

5. sfidi oħra jinkludu l-ħtieġa li jiġi żgurat li fejn tintuża l-IA, din tintuża b'mod etiku, responsabbli, trasparenti, sostenibbli, inklużiv u ċċentrat fuq il-bniedem, filwaqt li jiġi żgurat rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u l-mitigazzjoni ta' preġudizzji li jagħmlu l-ħsara, u li jissaħħaħ il-proċess ta' tagħlim, li kollha kemm huma jeħtieġu li titkompla l-evalwazzjoni;

6. l-IA u t-teknoloġiji tal-IA qed isawru mill-ġdid ħafna okkupazzjonijiet u karrieri, u rriżultaw ukoll f'setturi ġodda, emerġenti u li qed jevolvu li jeħtieġu forzi tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati;

7. madwar l-Unjoni, dan wassal għal riflessjonijiet dwar il-kurrikuli, il-programmi ta' apprendiment u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni, inkluż opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni pedagoġika u l-personalizzazzjoni tal-apprendiment.

IQIS LI L-ĦILIET U L-KOMPETENZI GĦALL-IA

8. huma ta' natura diversifikata u qed ikomplu jfeġġu, jevolvu u jiġu definiti;

9. jibnu fuq il-ħiliet diġitali eżistenti kif ukoll fuq il-kompetenzi trażversali, il-ħsieb kritiku, il-kuxjenza etika, it-teħid ta' deċiżjonijiet responsabbli, l-empatija u ħiliet soċjoemozzjonali oħra, il-kreattività u r-reżiljenza;

10. jikkombinaw il-kompetenza diġitali, inkluż il-litteriżmu fid-data u fil-media, il-fehim algoritmiku u l-kapaċità ta' evalwazzjoni u interpretazzjoni kritiċi tal-impatti, l-outputs u l-limitazzjonijiet tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA;

11. jinkludu ħiliet ġodda bħall-prompting, l-evalwazzjoni kritika u l-verifika tal-outputs ġenerati mill-IA, l-użu tal-IA għall-preżentazzjoni u s-soluzzjoni ta' problemi, il-ħolqien, it-tfassil u t-tiswir tal-IA, il-kapaċità li jintgħaraf meta ma għandhiex tintuża l-IA, u l-fehim tal-impatt tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA fuq is-soċjetà u l-ambjent;

12. jeħtieġ li jiġu żviluppati b'mod adattat għall-età fl-istadji kollha tal-ħajja u huma rilevanti għal-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ;

13. huma importanti biex iċ-ċittadini jaċċessaw, jinvolvu ruħhom u jadattaw għal suq tax-xogħol li qed jirreaġixxi għall-użu tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA;

14. jeħtieġu riflessjoni, kooperazzjoni, kollaborazzjoni u djalogu kontinwi bejn dawk li jfasslu l-politika, l-istudenti, l-edukaturi, il-fornituri ta' edukazzjoni u taħriġ, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, is-sħab soċjali u ekonomiċi u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jiġu faċilitati evalwazzjoni bbażata fuq l-evidenza, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u t-trawwim ta' responsabbiltà komuni.

JENFASIZZA l-importanza tar-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali"), li jistabbilixxi qafas għall-użu sikur, etiku u affidabbli tal-IA, anke fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

JIĠBED L-ATTENZJONI għall-fatt li s-sovranità diġitali u l-awtonomija strateġika huma essenzjali għall-Ewropa, filwaqt li jinnota li t-tnaqqis tad-dipendenzi assoċjati mal-għodod u t-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali żviluppati barra mill-Ewropa, inkluż fl-edukazzjoni u t-taħriġ, huwa kruċjali.

JILQA'

15. DigComp 3.0 (2025), il-ħames verżjoni tal-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali, li jirrifletti l-implikazzjonijiet tal-ħiliet għax-xejriet diġitali teknoloġiċi reċenti u emerġenti, inkluż l-IA;

16. Empowering learners for the age of AI: qafas ta' litteriżmu fl-IA għall-edukazzjoni primarja u sekondarja (2026, OECD/Unjoni Ewropea), li jipprovdi qafas għall-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi relatati mal-IA fl-edukazzjoni primarja u sekondarja u jippromwovi fehim komuni tal-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa mill-istudenti biex jinteraġixxu, joħolqu, jimmaniġġaw u jsawru l-IA fl-edukazzjoni, ix-xogħol u s-soċjetà.

JAQBEL li

17. hemm ħtieġa kontinwa li l-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ jirriflettu u jirrispondu b'mod xieraq u responsabbli għall-iżvilupp u l-użu tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA;

18. huwa meħtieġ approċċ koerenti u bbażat fuq l-evidenza biex jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa miċ-ċittadini fil-kuntest tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA;

19. it-tagħlim u l-apprendiment fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ għandhom jibqgħu ċċentrati fuq il-bniedem u li jeħtieġ li tingħata attenzjoni lill-impatti negattivi potenzjali tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA, bħad-dipendenza żejda fuq l-għodod tal-IA, il-miżinformazzjoni, id-diżinformazzjoni u l-użu malizzjuż tal-kontenut, il-bullying ċibernetiku, il-preġudizzji algoritmiċi, id-diskriminazzjoni, it-telf ta' tagħlim, l-għażż konjittiv, it-tħassib dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-data, it-theddida għall-integrità akkademika, kif ukoll l-impatti soċjali u ambjentali;

20. għandha tingħata attenzjoni lill-użu responsabbli, sikur u trasparenti tad-data, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u li jeħtieġ li ċ-ċittadini jifhmu l-implikazzjonijiet tal-kondiviżjoni tad-data mal-IA u t-teknoloġiji tal-IA;

21. il-provvediment ta' livell suffiċjenti ta' litteriżmu, matematika u xjenza għal kulħadd huwa l-pedament għal kull tagħlim ulterjuri; dan il-pedament jippermetti lill-istudenti jiżviluppaw kompetenzi kemm usa' kif ukoll aktar speċjalizzati, inkluż għall-IA;

22. l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal huma importanti fl-appoġġ tal-iżvilupp bikri tal-ħsieb kritiku u ħiliet fundamentali oħra, li huma essenzjali għat-tfal u ż-żgħażagħ biex jinteraġixxu b'mod sikur u effettiv fit-teknoloġiji diġitali u l-IA hekk kif jikbru fl-età;

23. l-edukazzjoni skolastika għandha rwol importanti fl-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi relatati mal-IA u t-teknoloġiji tal-IA biex tappoġġa lill-istudenti b'mod adattat għall-età biex jinteraġixxu, joħolqu, jimmaniġġaw u jsawru l-IA b'mod responsabbli, sikur u etiku filwaqt li jrawmu l-kompetenza diġitali tagħhom;

24. il-ġenituri, l-indokraturi u l-familji għandhom rwol importanti ħafna fl-appoġġ lit-tfal u liż-żgħażagħ biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi bikrija għall-IA u biex jifhmu l-opportunitajiet u r-riskji tad-diġitalizzazzjoni;

25. minħabba l-impatt li l-IA u t-teknoloġiji tal-IA qed ikollhom fuq ħafna dixxiplini, il-programmi ta' tagħlim fl-edukazzjoni għolja, fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u fl-edukazzjoni għall-adulti jistgħu jappoġġaw lill-istudenti kollha biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi biex jużaw l-IA u t-teknoloġiji tal-IA b'mod effettiv u responsabbli;

26. l-edukazzjoni għolja u l-VET għandhom rwol importanti fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali avvanzati meħtieġa għal okkupazzjonijiet u karrieri ġodda, emerġenti u li qed jevolvu f'setturi li jużaw it-teknoloġiji tal-IA u li huma ta' importanza sinifikanti għall-innovazzjoni u l-kompetittività;

27. l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għandhom rwol ewlieni fl-avvanz tar-riċerka li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' IA u teknoloġiji tal-IA sikuri u affidabbli, li tappoġġa l-innovazzjoni biex jiġu sfruttati l-benefiċċji kompetittivi li l-IA tista' toffri, u li tevalwa l-impatti soċjetali, ambjentali u ekonomiċi tal-IA u tat-teknoloġiji tal-IA;

28. il-prattiki ta' valutazzjoni fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ jeħtieġu riflessjoni f'kuntest fejn l-IA hija ġeneralment disponibbli, sabiex jiġi żgurat li l-eżiti tat-tagħlim u l-integrità akkademika jkunu salvagwardati;

29. it-tagħlim tul il-ħajja, inkluż l-edukazzjoni għall-adulti, huwa essenzjali biex iċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jkomplu jitgħallmu dwar l-IA u t-teknoloġiji tal-IA u jibnu fuq il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom b'rispons għall-bidla teknoloġika, inkluż permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet, kif ukoll permezz ta' korsijiet flessibbli, aġli u qosra, bħall-mikrokredenzjali;

30. l-esperjenzi ta' tagħlim mhux formali u informali jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi rilevanti għall-IA u t-teknoloġiji tal-IA għaċ-ċittadini ta' kull età.

JENFASIZZA li

31. huma meħtieġa miżuri mmirati biex jissaħħu l-ħiliet u l-kompetenzi għall-IA u t-teknoloġiji tal-IA għaċ-ċittadini kollha fl-istadji kollha tal-ħajja u, b'mod partikolari, dawk b'livelli baxxi ta' ħiliet diġitali;

32. huma meħtieġa approċċi inklużivi biex iċ-ċittadini, irrispettivament mill-ġeneru, l-età, il-ħtiġijiet diversi, il-pożizzjoni ġeografika jew l-isfond soċjoekonomiku, ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom f'opportunitajiet ta' tagħlim relatati mal-IA, inkluż billi jiġu indirizzati l-ostakli relatati mal-aċċessibbiltà, il-mobbiltà, il-parteċipazzjoni u l-lingwa, u billi jiġi mitigat ir-riskju li jitwessa' d-distakk diġitali jew inugwaljanzi eżistenti oħra;

33. hemm ħtieġa kontinwa li jiġu promossi l-benesseri u l-bilanċ diġitali li jippermettu liċ-ċittadini jiżviluppaw relazzjoni tajba u responsabbli mal-IA u t-teknoloġiji tal-IA;

34. il-gwida tul il-ħajja jeħtieġ li tevolvi fil-kuntest tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA, filwaqt li tibqa' ċċentrata fuq il-bniedem, biex tgħin liċ-ċittadini jagħmlu għażliet infurmati dwar l-opportunitajiet ta' tagħlim, l-issodisfar tal-potenzjal personali u l-perkorsi tal-karriera;

35. bħala parti mill-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u l-iżvilupp professjonali kontinwu, l-għalliema, il-ħarrieġa, l-edukaturi u l-mexxejja jeħtieġ li jiġu appoġġati biex jadattaw ruħhom għall-bidla teknoloġika, irrispettivament mil-livell ta' ħejjija diġitali tagħhom, biex jiżviluppaw livelli suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA, inkluż fehim tal-opportunitajiet, ir-riskji, u d-danni potenzjali assoċjati mal-IA u t-teknoloġiji tal-IA, biex jużaw l-IA biex itejbu l-approċċi pedagoġiċi tagħhom, u biex jappoġġaw il-kisba ta' ħiliet u kompetenzi għall-IA u t-teknoloġiji tal-IA;

36. il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ jeħtieġu appoġġ biex jiżviluppaw u jimplimentaw politiki dwar l-użu tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA, fosthom dwar kwistjonijiet bħall-integrità akkademika, il-plaġjariżmu, id-drittijiet tal-awtur, it-trasparenza, l-iżvelar tal-użu tal-IA, il-governanza, is-sorveljanza mill-bniedem, is-sigurtà, il-privatezza u kwistjonijiet etiċi;

37. minħabba l-pass mgħaġġel tal-bidla fil-qasam tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA, huwa essenzjali li jiġu identifikati, antiċipati u indirizzati l-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jevolvu, inkluż għall-ħiliet diġitali avvanzati, fil-kuntest tal-kompetittività ġenerali tal-Unjoni.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI

38. jieħdu approċċ koerenti, inklużiv u bbażat fuq l-evidenza biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa miċ-ċittadini fil-kuntest tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA, permezz ta' riflessjoni kontinwa, skambju tal-aħjar prattiki, kooperazzjoni, kollaborazzjoni u djalogu bejn dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;

39. jagħmlu użu mill-għodod eżistenti rilevanti tal-UE, bħad-DigComp 3.0, il-qafas tal-litteriżmu fl-IA għall-edukazzjoni primarja u sekondarja u l-Linji Gwida aġġornati dwar l-użu etiku tal-intelliġenza artifiċjali u tad-data fit-tagħlim u fl-apprendiment għall-edukaturi meta jiżviluppaw u jaġġornaw il-kurrikuli, l-oqfsa u l-programmi nazzjonali u/jew reġjonali ta' apprendiment u valutazzjoni li jinvolvu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-IA;

40. jappoġġaw lill-għalliema, lill-ħarrieġa, lill-edukaturi u lill-mexxejja biex jiżviluppaw livelli suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA u jitgħallmu dwar il-kisba ta' ħiliet u kompetenzi għall-IA u t-teknoloġiji tal-IA bħala parti mill-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u l-iżvilupp professjonali kontinwu; iħeġġuhom iħaddnu l-opportunitajiet offruti mill-IA u jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-użu tal-IA fejn din ittejjeb il-pedagoġija u tqis il-ħtiġijiet u l-istadju tal-iżvilupp tal-istudenti;

41. jipprovdu appoġġ u gwida lill-iskejjel u lill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ dwar l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi relatati mal-IA u t-teknoloġiji tal-IA, b'mod adattat għall-età; kif ukoll dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki, permezz ta' approċċi tal-istituzzjoni sħiħa, dwar l-użu tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA li jissalvagwardaw l-azzjoni, l-inklużjoni, l-ekwità u l-benesseri tal-bniedem;

42. iħeġġu lill-fornituri tal-VET u tal-edukazzjoni għolja jaġġornaw il-programmi ta' tagħlim eżistenti u jiżviluppaw programmi ta' tagħlim ġodda għall-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi avvanzati għall-IA u t-teknoloġiji tal-IA meħtieġa għal okkupazzjonijiet u karrieri ġodda u li qed jevolvu;

43. jippromwovu approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja biex iċ-ċittadini ta' kull età jkunu jistgħu jiżviluppaw ħiliet u kompetenzi għall-IA u t-teknoloġiji tal-IA, inkluż permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet, kif ukoll korsijiet flessibbli, aġli u qosra, bħall-mikrokredenzjali;

44. iqisu l-inkorporazzjoni tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA inkluż il-litteriżmu fl-IA u l-ħiliet diġitali avvanzati fl-ippjanar tal-ħiliet nazzjonali u reġjonali;

45. jevalwaw l-impatt tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha, inkluż l-impatti fuq l-inugwaljanzi eżistenti bħall-ġeneru, id-diżabbiltà, l-isfond soċjoekonomiku u l-pożizzjoni ġeografika, bl-użu, fejn ikun possibbli, ta' data eżistenti u għodod ta' evalwazzjoni;

46. jieħdu vantaġġ sħiħ mill-fondi, l-għodod u l-programmi ta' kooperazzjoni, l-oqfsa u l-linji gwida eżistenti tal-UE biex jappoġġaw l-iżviluppi u r-riformi relatati mal-ħiliet u l-kompetenzi għall-IA u t-teknoloġiji tal-IA u jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw soluzzjonijiet, inkluż dawk li jisfruttaw l-opzjonijiet Ewropej b'sors miftuħ.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, fl-isfera tal-kompetenza tagħha u f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,

47. tiffaċilita l-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin, l-iskambju ta' politiki u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar approċċi ċċentrati fuq il-bniedem għall-IA, inkluż il-ħiliet u l-kompetenzi għall-IA u t-teknoloġiji tal-IA u tikkomunika mal-Istati Membri dwar l-attivitajiet ippjanati tagħha fil-qasam tal-ħiliet u l-kompetenzi għall-IA u t-teknoloġiji tal-IA;

48. issaħħaħ il-bażi tal-evidenza, b'attenzjoni partikolari għall-eżiti tat-tagħlim, dwar l-impatt tal-IA u t-teknoloġiji tal-IA fuq il-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ, inkluż billi taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-OECD, l-UNESCO u l-Kunsill tal-Ewropa;

49. tippromwovi għodod bħad-DigComp 3.0, il-qafas tal-litteriżmu fl-IA għall-edukazzjoni primarja u sekondarja u l-Linji Gwida aġġornati dwar l-użu etiku tal-intelliġenza artifiċjali u tad-data fit-tagħlim u fl-apprendiment għall-edukaturi bħala riżorsi biex jappoġġaw it-tfassil tal-politika għall-Istati Membri, kif ukoll fost l-għalliema, il-ħarrieġa, l-edukaturi u l-mexxejja, u l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

50. tieħu passi biex tibni fuq il-ħidma tal-qafas tal-litteriżmu fl-IA għall-edukazzjoni primarja u sekondarja biex jiġu żviluppati oqfsa tal-litteriżmu fl-IA għaċ-ċittadini fi stadji oħra tal-ħajja;

51. tkompli taħdem fuq ir-riżorsi u xxerridhom biex tappoġġa l-użu etiku, responsabbli, inklużiv, sikur u trasparenti tal-għodod tal-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ li jżommu l-pass mar-rata tal-bidla u jappoġġaw liċ-ċittadini fl-istadji kollha ta' ħajjithom;

52. tkompli tiżviluppa u toffri opportunitajiet ta' tagħlim professjonali rilevanti għall-għalliema, il-ħarrieġa, l-edukaturi u l-mexxejja, bħal permezz ta' networks ta' tagħlim bejn il-pari u komunitajiet ta' prattika inklużiċ-Ċentru Ewropew tal-Edukazzjoni Diġitali, il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel u l-Pjattaforma Elettronika għat-Tagħlim tal-Adulti fl-Ewropa (EPALE);

53. tħejji u timplimenta inizjattivi f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri biex ittejjeb it-tħejjija tal-Ewropa għall-futur, tappoġġahom biex jadattaw għall-IA u t-teknoloġiji tal-IA, u tqis l-iżvilupp ta' inizjattivi ta' politika biex jittestjaw, jevalwaw u jespandu approċċi innovattivi għall-integrazzjoni effettiva, sikura u responsabbli tal-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ inkluż permezz ta' opzjonijiet Ewropej b'sors miftuħ.